**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 22/07 - 26 ta' Mejju 2014 - 18:00PM**

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *JOSEPH ABELA* | *SINDKU* | |
| *PAWLU FARRUGIA* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *KEITH DARMANIN* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *skużat* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *MILLICENT SCERRI* | *AMBAXXATRIĊI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ* | *skuzata* |
| *PAUL J. PACE* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |
| *ANTONELLA GALEA* | *ASST. PRINĊIPAL* | |

**AĠENDA**

1. Policy Temporanja sakemm tiġi emendata l-liġi għall-ħlasijiet ta' permessi għall-użu ta' Tower Cranes ġewwa Ħal Tarxien
2. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

**Is-Sindku qal il-talba u ppressieda l-laqgħa.**

1 **Policy Temporanja sakemm tiġi emendata l-liġi għall-ħlasijiet ta' permessi għall-użu ta' Tower Cranes ġewwa Ħal Tarxien**

i. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-uffiċċju mar persuna li ried jarma Tower Crane. Peress li fil-liġi mhemmx indikat ċar ir-rata li trid tinżamm, intalbet kemm linja gwida mid-Dipartiment Gvern Lokali kif ukoll saru kuntatti ma diversi Kunsilli Lokali oħra fejn fil-maġġior parti tagħhom ir-rati huma differenti.

Sadanittant id-Dipartiment Gvern Lokali wara diversi emails, baqa ma taniex indikazzjoni ċara tar-rata u għalhekk ġiet imsejħa din il-laqgħa sabiex il-Kunsill jieħu deċiżjoni temporanja sakemm tiġi emendata l-liġi.

ii. Il-Viċi Sindku rrimarka li LN119 hija ċara u tgħid li rata ta' krejn hija €2.33 kull jum u ma jispeċifikalekx x'tip ta' krejn hu. Is-Sindku wieġbu li apparti l-krejn l-individwu huwa obbligat li jtellgħa ċint madwar il-krejn. Is-Seg. Eżek. żied li LN 441 Skeda C Nru 3 tgħid li fil-każ ta' depożitu ta' materjal jrid jitħallas bir-rata €2.33 kull jum għal kull metru kwadru.

iii. Il-Viċi Sindku qal li jekk il-Kunsill iżomm bir-rata ta' €2.33 kull jum biss jkun kopert bil-liġi.

iv. Is-Sindku ssuġġerixxa li nimxu mal-liġi ta' depożitu ta' krejn u nżommu bir-rata ta' €2.33 kuljum u dan fi kwalunkwe talba ta' tower crane sakemm tkun emendata l-liġi. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia ssekonda lis-Sindku.

v. Il-Viċi Sindku seħaq li importanti li sakemm it-tower krejn jintrama' u anke ladarba jiżżarma jrid ikun hemm warden preżenti 'l-ħin kollu; individwu jrid jimxi mas-safety precautions kollha; irid jippreżenta health and safety certificate; irid jagħmel depożitu ta' garanzija bankarja ta' €233.00 u jrid jpoġġi dawl adekwat madwar il-krejn u l-istruttura li ser tinbena.

Il-Kunsill qabel unanimament li r-rata applikabbli fi-każ ta' tower crane ser tkun €2.33 bl-obbligu li jiġu osservati r-regoli u l-miżuri kollha fuq imsemmija.

2 **Għeluq tal-Laqgħa**

i Il-laqgħa ntemmet fis-6.30pm.

**Sur Joseph Abela**
**Sindku**

**Sur Paul Pace** Dip. B. A. Bus Mangt MBA
**Seg. Eżek**